# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 41/01**

**Numru 20**

**CSMR (1994) Limited**

**vs**

**Venille Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u erba u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm374.62) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta mibjugh u kkonsenjat fuq ordni tas-socjeta konvenuta stess.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm374.62,0 bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 1999.

Alan Calleja
Deputat Registratur